# It-Tifsira tal-Ħarruba fi "Quo Vadis?": Tinstab jew Tevolvi?

Bernard Micallef

## Il-karatteristiċi ewlenin tal-poeżija

### *L-ilħna fil-poeżija*

Fil-poeżija "Quo Vadis?" ta' Rużar Briffa ma hemmx il-vuċi tal-poeta biss, iżda żewġt ilħna: il-leħen jinstema' tal-poeta fl-ewwel strofa u l-leħen interjuri tal-ħarruba fit-tieni strofa. Dawn l-ilħna jvarjaw fil-kelliem u fil-funzjoni illokuzzjonarja tagħhom, jiġifieri f'dak li jwettqu bħala espressjoni. L-ewwel vuċi, tal-poeta, *tiddeskrivi* l-ħajja tal-ħarruba "weħidha / fuq l-għolja ġeblija," waqt li t-tieni vuċi, tal-ħarruba, *tistaqsi* għadd ta' mistoqsijiet dwar il-ħajja tal-bniedem. L-ewwel vuċi tagħti deskrizzjoni umana ta' siġra, waqt li t-tieni twassal l-interrogazzjoni tas-siġra dwar il-ħajja umana.

Ladarba l-poeżija tikkonsisti f'żewġ kelliema li josservaw in-natura ta' xulxin, il-qarrej ma jistax jirriduċi lil "Quo Vadis?" għal perspettiva waħda. Minflok, il-qarrej għandu biss il-possibbiltà ta' esperjenza poetika li ma' kull qari ġġib flimkien żewġt ilħna, żewġ funzjonijiet illokuzzjonarji (deskrizzjoni esterjuri, ħsieb interjuri), u żewġ oġġetti osservati (siġra, umanità). L-esperjenza poetika tissawwar mill-interazzjoni effettiva bejn dawn l-aspetti taż-żewġt ilħna fil-poeżija, proċess interpretattiv li jkompli jistimula u jassimila fih aktar konnessjonijiet.

*Il-mużikalità fil-leħen tal-ħarruba*

It-tieni vuċi tikkonsisti f'sensiela ta' pari ta' versi, li jingħarfu bħala distiċi għax il-versi ta' kull par għandhom l-istess qies u aċċenti. Dawn id-distiċi jagħtu lill-vuċi tal-ħarruba karattru mużikali u mexxej, bħallikieku s-siġra, għad li hija s-simbolu ta' stabbiltà u xjuħija, ma tistax ħlief tesprimi ruħha f'nixxiegħa mgħaġġla u armonjuża ta' kliem. Il-versi ta' wħud mid-distiċi jaqblu anki fir-rima, u jiffurmaw bejniethom unità pulita u magħluqa. Fl-istess waqt, l-enjambment matul sensiela ta' distiċi jindika li l-kunċett innifsu mhux magħluq, minkejja li l-metrika u r-rima mbewsa (aa, bb) jiġbru wħud mid-distiċi f'unitajiet qosra u ċari. Ladarba dawn l-unitajiet iseħħu matul argument li jibqa' għaddej fuq medda ta' distiċi, kull unità donnha tirrappreżenta faċenda żgħira u mitmuma tal-bniedem imwettqa fl-attività ġenerali umana osservata mill-ħarruba:

Kemm huma mgħaġġlin,
fejn huma sejrin
għal dejjem bla sabar
min-nieqa sal-qabar
[...] .

Versi oħra jidħlu fi skema differenti ta' rima alternata (abab), li tevolvi fuq medda ta' żewġ distiċi. Dawn id-distiċi jvarjaw ħafna fid-daqs:

Qatt lilhom ma trażżan il-bewsa tar-riħ?
Qatt lilhom ma tlajjem is-sħana tax-xemx?
Għaliex ftit mistrieħ
għalihom ma hemmx,
[...] .

Anki hawnhekk, it-tul tal-vers iżid suġġeriment ovvju fl-istampa ta' nies mgħaġġla. Il-versi twal li jiffurmaw l-ewwel distiku jxekklu r-ritmu mgħaġġel ta' versi iqsar, u b'dal-mod jirriflettu l-effett li r-riħ u x-xemx għandhom ikollhom fuq il-ħeffa umana. Bħalma "l-bewsa tar-riħ" għandha "trażżan" l-għaġla tan-nies, u s-"sħana tax-xemx" għandha "tlajjem" l-istess ħeffa umana, hekk ukoll l-ewwel distiku jirristrinġi r-ritmu mgħaġġel li l-versi l-qosra joħolqu fit-tieni strofa. Parti mill-esperjenza tal-poeżija hi,

fil-fatt, l-għarfien estetiku tar-rima u r-ritmu bħala stadji mill-fehma tespandi tal-qarrej. Dawn l-effetti estetiċi, proprju għax huma komponenti ta' xogħol artistiku li jeżisti bħala esperjenza estetika, ma humiex iżolati mit-tema jew mill-ħsieb tal-poeżija (l-għaġla umana), iżda huma aspetti li jattwalizzaw din it-tema b'interazzjoni bejn il-komponenti poetiċi msemmija.

F'xogħol letterarju, ħafna aspetti tat-tema ma humiex kunċettwali. Wisq inqas huma referenzi diretti għal oġġetti reali. Fi "Quo Vadis?" il-logħob bil-mudelli tal-metrika u l-bdil fl-iskemi tar-rima joħolqu operazzjonijiet letterarji li huma omologi għall-għaġla umana, għax għandhom funzjonijiet poetiċi li jikkorrispondu ma' aspetti ta' din il-ħeffa tal-bniedem. Is-suġġeriment li fl-għaġla tagħhom il-bnedmin itemmu faċendi żgħar jinsab fir-realizzazzjoni ta' metrika u rima li jiffurmaw distiċi qosra u magħluqa fil-mużikalità sħiħa tat-tieni strofa, u s-suġġeriment li għandu jkun hemm elementi li jrażżnu din l-għaġla umana hu mwettaq bil-qari ta' versi twal fost versi qosra fl-istess strofa. Il-qari tal-poeżija jesegwixxi t-tema fuq livell estetiku ta' għarfien. Is-suġġerimenti u l-perspettivi ġodda miksuba mill-metrika u mir-rima jattwalizzaw it-tema ta' l-għaġla umana b'interazzjoni dejjem aktar sottili bejn il-varjazzjonijiet tagħhom.

L-esperjenza poetika hija appuntu hekk għax it-tifsira hi inseparabbli mil-lemħiet ġodda dwarha li joħorġu mill-effetti poetiċi rrealizzati. Dawn l-effetti mhux biss ikabbru r-relattività tat-tema, iżda jseħħu biss kull darba li l-qarrej jerġa' jħaddimhom flimkien, jiġifieri f'mument ta' qari ġdid. Il-qarrej jesegwixxi t-tema b'qari li jissodisfa l-istennija tiegħu ta' esperjenza poetika, u din l-esperjenza sseħħ kull darba li l-qarrej jerġa' jittrasforma t-test letterarju f'avveniment estetiku.

*Ix-xbihat figurattivi*

Karatteristika ewlenija oħra ta' "Quo Vadis?" hija r-rikkezza fix-xbihat simboliċi u metaforiċi li tevoka. Ix-xbieha tal-ftuħ hija waħda ta' iżolament ("Weħidha," "imbiegħda mill-bqija ta' ħutha") u ta' ħajja iebsa ("fuq l-għolja ġeblija," "magħtuba / mit-toqol tas-snin"). Din ix-xbieha tiddistingwi bejn il-ħarruba li tinsab fuq l-għolja u s-siġar l-oħra li jinsabu "fil-qalb ħadranija / tal-wied." Hija xbieha li tinbena malajr permezz ta' sensiela ta' opposti: il-ħarruba iżolata f'kuntrast mas-siġar l-oħra flimkien; l-għoli ta' l-għolja minfejn il-ħarruba tosserva n-nies f'kuntrast mal-fond tal-wied fejn is-siġar

l-oħra jgawdu biss viżjoni ristretta; in-natura ġeblija ta' l-għolja (li toffri ħajja diffiċli miftuħa għar-riħ u x-xemx, kif ukoll nieqsa mill-ilma) f'kuntrast man-natura fertili tal-wied (li l-"qalb ħadranija" tiegħu toffri ħajja ta' kenn, dell, u ilma). Is-suġġeriment ta' ħarsa aktar fil-bogħod li toriġina mill-iżolament u mit-tbatija hu mibni f'kuntrast ma' ħarsa li ma twassalx fil-bogħod għax toriġina minn ħajja komunitarja u komda.

F'din ix-xbieha rikka, is-siġar kollha huma ppersonifikati, u bejniethom tinħoloq relazzjoni familjari. Is-siġar l-oħra huma "ħutha," waqt li l-ħarruba hija x-"xwejħa" li "qed tħares ma' dwarha, ħa tara / [...]." Minkejja li l-poeżija sħiħa tiddistingwi bejn il-ħajja statika, iebsa, u osservanti tal-ħarruba u l-ħajja kaotika, distratta, b'lehma waħda ("tas-suq") tal-bniedem, hemm distinzjoni oħra li tiġi qabel din id-differenza apparenti bejn is-siġra tal-ħarrub u l-bniedem: din hija d-distinzjoni bejn il-ħarruba fuq l-għolja u "ħutha" fil-wied, u hija differenza li tinbena b'figuri u relazzjonijiet umani. Dan l-effett figurattiv jistieden lill-qarrej jidħol f'livell ieħor ta' perċezzjoni. Wara d-distinzjoni ġenerali bejn il-ħarruba u l-bniedem, il-qarrej jagħraf li diġà kien hemm distinzjoni aktar sottili bejn tipi differenti ta' siġar, li mhux ilkoll għandhom l-istess kapaċità fl-osservazzjoni, iżda li lkoll huma identifikati ma' bnedmin li jiġu minn xulxin ("ħutha"), għad li jgawdu ħajjiet differenti.

*Il-qari tal-poeżija*

Forsi issa hu l-waqt li tinqara l-poeżija sħiħa, u li l-qarrej jibda jħalli jinbxuh l-ewwel sinjali ta' interazzjoni bejn il-karatteristiċi msemmija fuq. Il-vuċi tal-poeta fl-ewwel strofa twassal il-logħob bejn l-iżolament u l-għaqda, bejn l-għolja u l-wied, bejn ħajja iebsa u oħra komda, bejn ħarruba stabbli u umanità kaotika. Iżda dan il-logħob iċedi postu għal-leħen interjuri tal-ħarruba fit-tieni strofa, li fil-fatt jinterroga biss u ma jikkonkludi xejn, għad li hu regulari ħafna fil-mixja espressiva tiegħu.

**Quo Vadis?**

Weħidha
fuq l-għolja ġeblija,
imbiegħda mill-bqija ta' ħutha

fil-qalb ħadranija
tal-wied,
ix-xwejħa ħarruba,
magħtuba
mit-toqol tas-snin,
qed tħares ma' dwarha
ħa tara
il-għaġla tan-nies għaddejjin.

... U taħseb:
Kemm huma mgħaġġlin,
fejn huma sejrin
għal dejjem bla sabar
min-nieqa sal-qabar
dal-ħalja bnedmin?
Fejn huma l-għeruq?
Qatt lilhom ma trażżan il-bewsa tar-riħ?
Qatt lilhom ma tlajjem is-sħana tax-xemx?
Għaliex ftit mistrieħ
għalihom ma hemmx,
u l-lehma biss tagħhom
il-ħajja tas-suq?

## Aspetti fenomenoloġiċi bażiċi tat-tifsira

### *L-oġġett estetiku*

Fil-fenomenoloġija kull oġġett hu proġett, għax qed jinbena kontinwament permezz ta' ħafna aspetti li s-suġġett (fil-każ tagħna l-qarrej li jgħaqqad l-aspetti tat-test f'oġġett mifhum) ma jirċevix f'salt u ma jiqafx jirċievi. L-oġġett hu fenomenu, jiġifieri entità li teżisti biss kull darba li terġa' tingħaraf minn xi perspettiva oriġinali. Mill-banda l-oħra, kull perspettiva oriġinali tingħaraf bħala tali meta tingħaqad mat-totalità proviżorja tal-perspettivi kollha li ġew qabilha, jiġifieri meta ssir parti minn oġġett li diġà jinsab f'xi stadju ta' binja. It-totalità proviżorja ta' l-oġġett tagħti l-idea

ġenerali jew essenzjali tiegħu, li tibqa' inadegwata jew inkompleta għax hija totalità li tinżamm biss permezz ta' sensiela ta' aspetti li għadhom qed jingħaqdu. Iżda dil-konfigurazzjoni miftakra ta' l-oġġett hija aċċessibbli biss minn ċirkustanza imprevedibbli, li toffri angolu ġdid ta' perċezzjoni, u allura timmodifika t-totalità proviżorja ta' l-oġġett waqt li tkun assimilata fih bħala perspettiva rilevanti.

L-idea li kull entità hija rrealizzata b'aspetti ġodda miżjuda max-xbieha essenzjali u proviżorja tagħha qdiet tajjeb ħafna lil dawk l-iskejjel tal-kritika li għalihom kull entità fit-test letterarju (sitwazzjoni, karattru, oġġett) hi konfigurazzjoni inadegwata jew binja tentattiva. Teoriċi bħal R. Ingarden u W. Iser jargumentaw li l-oġġett estetiku hu fenomenu inkomplet, li dejjem qed jestendi ruħu skond l-aspetti tat-test li għadhom qegħdin juru l-ħtieġa ta' aktar interpretazzjoni. L-oġġett estetiku jseħħ fi stadji ta' qari li jikkoreġu stadji aktar bikrin, u l-kostruzzjoni tad-dinja letterarja tassorbi l-korrezzjonijiet imwettqa fuqha bħala parti mill-effett estetiku. Għal Ingarden u Iser, il-ħwejjeġ konkreti li jidhru fit-test letterarju ma jeżistux lil hinn mill-proċessi u l-operazzjonijiet li bihom il-qarrej iżomm id-dinja tat-test letterarju fis-seħħ. Il-qarrej hu mgħammar b'repertorju ta' paradimmi li jiġu mir-realtà, u dawn il-mudelli familjari jgħinuh jippresupponi kif għandu jibni kull oġġett estetiku waqt li jattwalizza x-xogħol letterarju. Iżda l-konnessjonijiet jiżdiedu ma' kull qari ma jippermettux li d-dinja tat-test letterarju tinżamm fl-istess konfigurazzjoni li bdiet biha. Fil-fatt, il-qari ma jibqax jinteressa lill-qarrej, u żgur ma jitqiesx poetiku, kemm-il darba ma jwettaqx dawn l-istruzzjonijiet trasformattivi.

"F'termini sempliċi," jargumenta Iser f'*The Act of Reading – A Theory of Aesthetic Response*, "nistgħu ngħidu li l-lingwa fizzjonali tipprovdi istruzzjonijiet għall-bini ta' sitwazzjoni u għalhekk għall-produzzjoni ta' oġġett immaġinarju."[1] Is-sinjali tat-test letterarju huma organizzati b'tali mod li ma joffrux l-oġġett innifsu, iżda "*istruzzjonijiet* għall-*produzzjoni*" tiegħu, u l-qarrej iwettaq dil-produzzjoni ta' l-oġġett estetiku b'realizzazzjonijiet supplimentari li jseħħu minn mument ta' qari għal ieħor.[2] Il-proċess mhux talli jippermetti li l-konfigurazzjoni bikrija ta' l-oġġett tkun ikkoreġuta minn oħrajn li jsegwuha, talli jippermetti li l-oġġett estetiku eventwalment jassumi d-dimensjoni ta' xi unità letterarja akbar, bħalma hu l-motif jew l-arketip. Hija dil-kapaċità kumulattiva tal-qari li tibdel

---

[1] Wolfgang Iser, *The Act of Reading – A Theory of Aesthetic Response* (Baltimore: Johns Hopkins UP, 1978) 64. Il-kwotazzjonijiet kollha bil-Malti ta' xogħlijiet barranin ġew tradotti minni.

[2] Iser 65-6.

it-test f'xogħol letterarju, il-qari f'esperjenza poetika, l-oġġett familjari f'entità figurattiva.

L-inkompletezza ta' kull entità letterarja mhix ostaklu għall-qari. Il-fatt li l-qari jibqa' jesponi biċċiet nieqsa mill-binja ta' oġġett estetiku hu opportunità biex l-oġġett jinżamm f'ħidma interpretattiva li tkompli ssawru skond kriterji artistiċi. L-ironija u l-paradoss – mekkaniżmi leġittimi tat-tradizzjoni letterarja li jartikulaw forom ta' inkonklużività – huma prova ċara ta' kemm il-konfigurazzjoni ta' l-oġġett estetiku tista' tikkoordina elementi inkongruwenti li ma joffrux riżultat definittiv. Barra minn hekk, l-entitajiet letterarji għandhom valur fl-għarfien uman għax il-binja tagħhom tippermetti konnessjonijiet li ma jinstabux fil-metodoloġija tax-xjenzi naturali, fejn l-għan ewlieni hu s-sejba ta' riżultat definittiv. Fuq kollox, id-dinja li għall-qarrej tidher reali mhix ħlief riżultat ta' konvenzjonijiet oħra, dawk empiriċi u soċjali,[3] li l-letteratura tippenetra fihom bl-istruzzjonijiet alternattivi tagħha. It-test letterarju ma joffrix il-preżenza ta' l-oġġett, jargumenta Iser, iżda l-kundizzjonijiet letterarji biex dawk l-aspetti tiegħu li fid-dinja ordinarja huma marġinali, jew innewtralizzati, jiksbu post ċentrali fir-rikostruzzjoni estetika, fejn isiru potenzjal għal aktar sinjifikat.[4] L-esperjenza tal-qari la tinjora u lanqas tikkopja l-oġġett estern u familjari tar-realtà, iżda tobbliga lill-qarrej jagħraf metodu alternattiv għar-rikostruzzjoni tiegħu. Hu għalhekk li d-dinja ordinarja tal-qarrej tintiseġ mad-dinja li l-qarrej innifsu jipproduċi mit-test letterarju, u l-għaqda taż-żewġ dinjiet iġġib magħha estensjoni fil-konfini tar-realtà.

### *L-interkonnessjoni u l-interdipendenza bejn l-elementi li jsawru l-oġġett estetiku*

Bejn l-aspetti jiżdiedu ta' l-oġġett estetiku tinħoloq interdipendenza li tista' timmotiva reviżjoni sħiħa ta' l-oġġett, f'livell ta' kumplessità u suġġeriment ogħla mix-xbieha miftakra tiegħu. Bħala totalità proviżorja, l-oġġett estetiku hu definit iżda mhux definittiv. Il-letteratura dejjem uriet il-ħila li testendi, flok tabbanduna, id-diskorsi u t-testi tradizzjonali li minnhom il-qarrej ikun diġà kiseb definizzjoni ta' xi entità familjari. Hu għalhekk li l-arti verbali tinħass qed twettaq rigress lejn veritajiet primordjali u progress lejn

[3] Iser 61.
[4] Iser 72.

suġġerimenti ġodda fl-istess waqt. Ir-rikostruzzjoni kontinwa ta' l-oġġett estetiku hija kkontrollata b'żewġ effetti opposti: l-effett ta' aspetti ġodda li jitilfu r-rilevanza tagħhom kieku mhux għax inftiehmu bħala żjieda sinjifikattiva mad-dehra tradizzjonali ta' l-oġġett, u l-effett tad-dehra tradizzjonali ta' l-oġġett li tippersisti biss għax ġiet evokata minn ċirkustanza interpretattiva ġdida, b'lemħiet ġodda rilevanti li jestenduha.

Jekk l-oġġett fid-dinja tat-test letterarju hu proġett aktar milli entità lesta, ma jippermettix li l-qarrej jikseb esperjenza letterarja b'attitudni passiva. Madankollu, il-qarrej jirrevedi l-oġġett estetiku b'attività li *żżid sinjifikat max-xbieha tradizzjonali tiegħu*, u mhux b'rikostruzzjoni arbitrarja. Hija r-rabta bejn l-interpretazzjonijiet inadegwati tal-passat u l-interpretazzjoni aktar sodisfaċenti tal-preżent li tagħti dak l-eċċess fit-tifsira li nassoċjaw ma' esperjenza illuminanti. Ingarden josserva li matul kull qari l-oġġett fid-dinja tat-test letterarju jitlef attributi mibnija qabel daqskemm jakkwista attributi ġodda.[5] Iżda Ingarden stess jistqarr li t-tifsira litterali ta' l-oġġett qatt ma tintilef matul dal-proċess; minflok, din it-tifsira litterali tiddgħajjef billi tipponta lejn sens u effetti ġodda ħerġin mir-rikostruzzjoni estetika tagħha.[6] Wara kollox, imqar biex jimla d-dettalji nieqsa din ir-rikostruzzjoni, il-qarrej irid jinqeda bl-esperjenzi passati ta' dinja li diġà "bena għalih innifsu matul ħajtu."[7]

Fit-teorija tiegħu ta' l-interpretazzjoni letterarja, P. Ricoeur jippreżenta proċess simili, li dejjem jitlaq mit-tifsira litterali għal oħra simbolika. Għal Ricoeur, it-tifsira simbolika hi sekondarja, għax niksbuha biss permezz ta' tifsira primarja (jew litterali) li "hija l-unika aċċess għal żjieda fit-tifsir."[8] Fil-prattika, kull effett simboliku hu "tifsira ta' tifsira," jew esperjenza kumulattiva li sseħħ bejn interpretazzjonijiet suċċessivi. L-entitajiet letterarji jippersistu bl-istess proċess. L-interkonnessjoni bejn l-aspetti magħrufa u l-aspetti imprevedibbli ta' entità letterarja tpoġġi r-realtà ta' din l-entità fil-fruntiera bejn dak li hu mifhum u dak li jonqsu aktar interpretazzjoni. Il-proċess sħiħ ineħħi d-distinzjoni bejn il-preżenza ta' l-oġġett estetiku u l-ħidma interpretattiva tal-qarrej, għax l-għaqda bejn il-magħruf u l-imprevedibbli hi rrealizzata biss b'interpretazzjoni attwali. Il-proċess ineħħi wkoll id-distinzjoni

[5] Roman Ingarden, *The Cognition of the Literary Work of Art* (Evanston: Northwestern UP, 1973) 46.
[6] Ingarden 68.
[7] Ingarden 58.
[8] Paul Ricoeur, *Interpretation Theory: Discourse and the Surplus of Meaning* (Fort Worth: Texas Christian UP, 1976) 55.

bejn l-interpretazzjoni u l-artikulazzjoni, għax l-oġġett estetiku ma jistax jinftiehem minn perspettivi ġodda mingħajr ma jkun artikulat mill-ġdid.

Dan kollu għandu jispjega għaliex, anki jekk tibqa' oġġett familjari, il-ħarruba fi "Quo Vadis?" ma għandhiex xbieha fissa. Fil-fatt tilgħab bejn id-deħra ta' siġra u ta' xwejħa minħabba l-personifikazzjoni. Il-ħarruba lanqas ma hi riduċibbli għal qagħda pożittiva jew negattiva, għax hi iżolata iżda tara aktar fil-bogħod. Barra minn hekk, il-ħarruba fi "Quo Vadis?" ma għandhiex imġiba konsistenti għax fid-deħra stabbli tagħha tinkorpora ħsieb dinamiku, li matul il-qari hu attwalizzat bir-ritmu mexxej u bil-mużikalità tad-distiċi. Kuntrast ieħor assimilat fil-binja estetika tal-ħarruba jidher fil-mod kif tipperċepixxi l-għaġla umana: il-ħarruba jirnexxilha tara l-kwalità astratta ta' l-"għaġla tan-nies għaddejjin," iżda ma tifhimx u tibqa' tinterroga din il-kwalità umana, tant li ma tesprimix konklużjoni loġika dwarha iżda skantament bid-differenza bejnha u l-bnedmin. X'inhi l-ħarruba? Hi mara jew siġra fid-deħra? Hi iżolament jew viżjoni fil-qagħda? Hi statika jew dinamika fl-imġiba? Hi perċezzjoni jew interrogazzjoni fil-ħsieb? Jew hi l-interazzjoni bla waqfien bejn dawn l-effetti poetiċi u l-implikazzjonijiet ħierġa minnhom, li flimkien jibqgħu jintegrawha bħala oġġett innovattiv u familjari fl-istess waqt?

Ejja nieħdu eżempju b'aspett wieħed mir-realizzazzjoni estetika tal-ħarruba: il-fatt li hi iżolata iżda tara aktar fil-bogħod. Qabelxejn, il-qarrej jista' jattwalizza ħarruba li *tara aktar fil-bogħod* minħabba li dil-ħarruba diġà hija ppersonifikata f'interpretazzjoni preċedenti. Iżda dil-personifikazzjoni tikseb aktar sinjifikat meta l-qarrej jinkorporaha fi stadju interpretattiv ieħor: l-enigma ta' ħarruba li b'ħarsitha tingħaqad mal-ħajja mgħaġġla tal-bniedem minkejja (jew minħabba) l-iżolament tagħha fuq l-għolja. Il-mixja interpretattiva minn personifikazzjoni sa għaqda enigmatika bejn ħarsa u iżolament tikxef fattur importanti fil-binja tal-ħarruba bħala oġġett estetiku: il-fatt li l-qarrej jirreaġixxi għal dak li hu stess ikun diġà pproduċa fi stadju preċedenti tal-qari, jiġifieri għall-konfigurazzjoni aktar bikrija tal-ħarruba bħala "xwejħa" iżolata li "tara." Waqt li l-personifikazzjoni tal-ħarruba ħolqot entità letterarja li tista' tara, l-enigma li din l-entità tara aktar fil-bogħod għax hi iżolata titlob rikostruzzjoni tal-ħarruba ppersonifikata. Ladarba din ir-rikostruzzjoni issa tinkludi enigma, teħtieġ operazzjonijiet interpretattivi ġodda. Madankollu, dil-ħidma interpretattiva ma ddurx ma' kull riħ, għax hija kkontrollata bl-istadji kollha preċedenti li bnew l-oġġett estetiku sa ċertu punt. Il-qari, fil-fatt, isir sinjifikattiv meta interpretazzjonijiet preċedenti u oħrajn emerġenti jingħaqdu flimkien u joħolqu bejniethom *avvanz fit-tifsira*.

Bħala entità li ma' kull qari se toffri possibbiltajiet u livelli ġodda ta' integrazzjoni bejn l-elementi li jsawruha, il-ħarruba xorta waħda tibqa' tevoka t-testi u l-kuntesti passati li f'moħħ il-qarrej jiddefinixxu x-xbieha tagħha. Il-qarrej, għalhekk, jintegra elementi mill-memorja tiegħu ta' oġġett familjari ma' strateġiji ta' interpretazzjoni li huma rilevanti għall-esperjenza estetika ta' "Quo Vadis?" B'dal-mod, il-qarrej jirrevedi x-xbieha miftakra tal-ħarruba f'livell dejjem ogħla ta' realizzazzjoni artistika. Iser jargumenta li kull oġġett fil-letteratura jikseb il-preżenza tiegħu mill-istruzzjonijiet li jagħti t-test, iżda *l-oġġett estetiku* jikseb il-preżenza tiegħu fit-test meta dawn l-istruzzjonijiet jibdew jiddeformaw l-iskemi u l-mudelli preċedenti tiegħu.[9]

Fi kliem ieħor, l-esperjenza letterarja twettaq żewġ operazzjonijiet f'salt: tevoka mudell tradizzjonali ta' l-oġġett u tittrasformah b'infiltrazzjoni fil-binja tiegħu. Il-qari, fid-dawl ta' dan l-argument, mhux ħlief il-medjazzjoni produttiva bejn il-binja tradizzjonali u l-possibbiltajiet emerġenti ta' l-istess entità. Fi kliem ieħor, il-qari jagħti lill-qarrej il-fakultà li jintervieni bejn il-mudell proviżorju u s-suġġerimenti addizzjonali ta' l-oġġett li qed iġib fis-seħħ bl-operazzjonijiet estetiċi li jwettaq.

Il-ħarruba ta' "Quo Vadis?" tippersisti fil-fehma tal-qarrej sakemm l-interdipendenza bejn l-istadji interpretattivi li jsawruha tibqa' effettiva. Matul dawn l-istadji interpretattivi, il-ħarruba tiffunzjona bħal sfera ta' komprensjoni mingħajr limiti ċari, u tittollera fiha saħansitra t-tranżizzjoni bejn ideat kuntrastanti (viżjoni u iżolament). F'din l-isfera ta' komprensjoni jseħħu konnessjonijiet li diffiċli jseħħu f'diskors loġiku, u li għalhekk jeħtieġu n-normi u r-regoli tal-letteratura. Kull aspett ġdid tal-ħarruba mhux irregulat biss mill-fatt li jrid ikun rilevanti għad-dehra tradizzjonali tagħha, iżda wkoll mill-fatt li din id-dehra issa qed issir simbolu, arketip, analoġija, jew xi kategorija oħra li hi aċċettabbli f'diskors letterarju u mhux f'diskors razzjonali jew fil-metodoloġija tax-xjenzi. Il-lemħiet irfinuti li joriġinaw mill-esperjenza poetika huma, għalhekk, modifikazzjonijiet *estetikament sinjifikattivi* fix-xbieha kumulattiva tal-ħarruba, jiġifieri *gradi ġodda ta' għarfien estetiku* li jseħħu meta l-ħarruba, waqt li tassumi d-dimensjoni ta' diskors miftuħ, tikkontrolla l-eċċess fit-tifsira tagħha b'metodoloġija poetika.

Il-ħarruba ta' Briffa tinkludi l-paradoss li min ibati f'iżolament jara aktar fil-bogħod, u tinkludi wkoll l-ironija li min jidher statiku jista' jkun dinamiku fil-ħsieb. L-entità harruba, għalhekk, isseħħ *permezz ta' moviment* bejn ideat kuntrastanti (iżolament u ħarsa aktar fil-bogħod) u bejn karatteristiċi

[9] Iser 92.

opposti (dehra statika u ħsieb dinamiku). Il-fatt li l-paradoss u l-ironija saru u baqgħu strateġiji jew proċeduri magħrufa fit-tradizzjoni letterarja juri li fl-operazzjoni tagħhom hemm modalità valida ta' għarfien li ma tinstabx f'modi oħra ta' komprensjoni, iżda li għal epoki sħaħ tqieset bħala influwenti u konvenjenti għall-fehma umana. Mhix rari, ngħidu aħna, li l-paradoss u l-ironija jkunu inkorporati fil-binja ta' xi entità mitoloġika li għadha sa llum tartikula xi aspett mid-dinja tagħna li ma jinqabadx fil-ħsieb razzjonali. Ħafna mill-figuri mitoloġiċi huma, bla dubju, entitajiet mibnija permezz ta' tensjoni ironika. Hekk Midas hu l-figura ta' ġid li jeqred, Narċisu ta' mħabba egoċentrika li tifni, Edipu ta' kumpless sħiħ. Għal diversi epoki, dawn l-entitajiet tawna l-kapaċità nimmanipulaw skemi ta' għarfien li ma jiġux irrealizzati b'forom oħra ta' artikulazzjoni.

L-oġġett estetiku jixbah lil dawn l-entitajiet mitoloġiċi f'aspett wieħed: li fil-binja tiegħu jista' jinvolvi konnessjonijiet problematiċi, anki kumpless sħiħ ta' perspettivi. Hu għalhekk li nsostni li fil-qari ta' poeżija ma hemmx oġġett estetiku lest, iżda l-binja mill-ġdid tal-komponenti tiegħu b'mod li dan l-oġġett ikun ittrasformat f'enigma. L-oġġett estetiku mhux sempliċiment preżenti, hu miġjub fi preżenza enigmatika permezz ta' serje ta' operazzjonijiet interpretattivi li jwettquh bħala sfida għal aktar interpretazzjoni.

Il-qarrej ma *jarax* ħarruba fi "Quo Vadis?" Minflok, iġarrab istruzzjonijiet kontinwi dwar kif jimmodifika kull sintesi proviżorja tagħha u kif jgħaqqad il-karatteristiċi jiżdiedu f'dimensjoni akbar ta' għarfien. Dan jgħodd anki għall-karatteristiċi ewlenin li rajna fil-bidu, bħall-fatt li l-poeżija fiha żewġt ilħna. Bejn dawn iż-żewġt ilħna, fil-fatt, il-ħarruba tinbena bħala inverżjoni: il-leħen uman tal-poeta jippersonifika lis-siġra fuq l-għolja, iżda l-leħen interjuri tas-siġra jixħet kwalitajiet siġrin fuq il-bniedem ("Fejn huma l-għeruq? / Qatt lilhom ma trażżan il-bewsa tar-riħ? / Qatt lilhom ma tlajjem is-sħana tax-xemx?"). L-istess poeżija, għalhekk, tagħmel lis-siġra umana fil-ħsieb tal-poeta u tagħti karatteristiċi siġrin lill-bniedem fil-ħsieb tal-ħarruba. Din l-inverżjoni sseħħ matul l-interpretazzjonijiet suċċessivi tas-siġra, jiġifieri bħala wieħed mill-istadji fil-binja ta' oġġett estetiku li bilmod qed jittrasforma ruħu f'arketip ta' iżolament u viżjoni.

Matul il-qari ta' "Quo Vadis?" il-personifikazzjoni tas-siġar mill-poeta u d-deumanizzazzjoni tal-bniedem mill-ħarruba huma żewġ interpretazzjonijiet suċċessivi iżda kuntrarji. Minħabba li ż-żewġ interpretazzjonijiet jingħaqdu biss b'inverżjoni, l-effett reċiproku bejniethom iwaqqa' d-distinzjoni bejn il-karatteristiċi siġrin u dawk umani. F'dan l-istadju interpretattiv, id-diviżjoni

bejn il-ħarruba bħala siġra statika u l-bniedem bħala kreatura mgħaġġla tibda tidher inadegwata. L-inverżjoni bejn il-personifikazzjoni tal-ħarruba u d-deumanizzazzjoni tal-bniedem toħloq ħidma interpretattiva li fiha l-karatteristiċi esterni (tas-siġra u tal-bniedem) ma jibqgħux daqstant fundamentali, u jibdew jisfumaw f'xulxin. Fl-istess waqt, din il-ħidma interpretattiva tagħti rilevanza ġdida lil dawk l-interpretazzjonijiet li seħħew qabel li dehru periferali. Ngħidu aħna, il-fatt li s-siġar kollha fl-ewwel strofa huma ppersonifikati seta' deher insinjifikanti sa dan il-punt fil-qari. Iżda issa din il-personifikazzjoni għandha rilevanza akbar, għax bħall-inverżjoni tiċħad kull differenza f'termini ta' forma (umana jew siġrija), u tippermetti biss differenza f'termini ta' kumdità (iżolament fuq l-għolja jew kumdità fil-wied). F'dal-proċess interpretattiv, il-qarrej jimxi minn distinzjoni formali għal distinzjoni arketipali: il-ħarruba ma tibqax differenti mill-bniedem għax hi siġra, iżda ssir differenti *mill-bniedem tas-suq* għax tiżviluppa f'*arketip ta' umanità li tbati*. Il-qarrej jibda jagħraf li wara kollox il-karatteristiċi umani li jsiru prominenti fil-ħarruba – l-għomor, l-iżolament, u t-tbatija – jispikkaw fil-bniedem li għandu dehen ogħla mill-bqija ta' ħutu għax ma jgħixx ħajja komda (bħas-siġar l-oħra fil-wied) jew ħajja mgħaġġla (bħall-bniedem "tas-suq").

Biex il-ħarruba fi "Quo Vadis?" tinbena bħala arketip ta' umanità li tbati, dawn l-interpretazzjonijiet suċċessivi (il-personifikazzjoni tas-siġar kollha, id-deumanizzazzjoni tal-bniedem bl-għeruq, l-inverżjoni bejn dawn ix-xbihat) iridu jwettqu aġġustament kontinwu fit-totalità proviżorja li l-qarrej ikun stabbilixxa fl-ewwel qari: id-distinzjoni apparenti bejn il-ħarruba wieqfa u l-bniedem attiv. Il-qarrej jitbiegħed minn din il-konfigurazzjoni bikrija permezz ta' stadji interpretattivi aktar irfinuti, li jikxfu fiha l-ħtieġa ta' għarfien estetiku aktar sottili. Iżda l-istadji l-ġodda fl-interpretazzjoni ma jistgħux iseħħu ħlief bħala avvanz 'l hinn mill-konfigurazzjoni proviżorja li teħtieġhom bħala korrezzjonijiet. Mingħajr din id-distanza interpretattiva mill-ewwel impressjoni tal-ħarruba, il-qarrej ma jistax jiżviluppa lis-siġra f'arketip ta' umanità li tbati. L-inkompletezza ta' l-oġġett estetiku, għalhekk, hi siewja, għax permezz tagħha biss jista' jkun hemm sensiela ta' realizzazzjonijiet li jittrasformaw id-dehra ordinarja tal-ħarruba f'entità arketipali. Mill-banda l-oħra, l-ebda qari tal-poeżija ma jiflaħ jgħaqqad l-aspetti u l-perspettivi kollha li jibdew jitfaċċaw meta l-ħarruba ssir binja kontinwa, b'interpretazzjonijiet ġodda jingħaqdu ma' u jimmodifikaw dawk qodma.

Meta C. G. Jung jitkellem dwar kif l-arketip jerħi "forzi splużivi u perikolużi moħbija [fih]," tant li jwassal dawn il-forzi għal konsegwenzi

imprevedibbli kull meta jkun attivat f'kuntest ġdid,[10] jikxef l-inkonkluživitá li takkumpanja kull entità arketipali. Barra minn hekk, għal Jung hemm ukoll arketipi ta' trasformazzjoni li jissimbolizzaw bidla, li ma humiex eżawriti bl-interpretazzjoni, u li jibqgħu ġenwini appuntu għax huma intrinsikament ambigwi jew jippermettu biss nofs lemħiet tat-tifsira primordjali u bla limitu li jġorru.[11] Għad li l-ħarruba fi "Quo Vadis?" tidher bħala entità konkreta, il-forzi moħbijin u imprevedibbli fiha jibdew jidhru meta l-qarrej ikompli jirrealizzaha fi stadji ġodda ta' kuntrast, oppożizzjoni, u inverżjoni li ma jabbandunawx it-tifsira litterali tagħha, iżda jestenduha sa motif arketipali (tbatija u viżjoni). Il-preżenza estetika tal-ħarruba, għalhekk, mhix ħlief ir-rispons tal-qarrej għal entità li, għax tassumi dimensjoni arketipali, għandha l-potenzjal tiġġenera l-ġdid fil-qadim.

*Sfera dinamika ta' għarfien minflok tifsira statika u ripetibbli*

Għaliex terġa' tinqara poeżija jekk mhux għax kull qari preċedenti tagħha ma eżawriex il-binja sinjifikattiva ta' l-oġġett estetiku fiha, speċjalment fejn dan l-oġġett jikkonsisti f'komponenti bħall-paradoss u l-ironija, elementi li jaħdmu kontra kwalunkwe sintesi komda? Mill-banda l-oħra, fuq liema konvenzjonijiet se jimxi l-qarrej biex matul il-binja ta' l-oġġett estetiku jibqa' jagħraf l-istess entità?

P. Ricoeur jindirizza problemi simili ta' l-interpretazzjoni f'*The Conflict of Interpretations*, fejn juri kif kull interpretazzjoni ġdida tagħmel sens għax hija żjieda ma' sistemi interpretattivi li ġew qabilha, imqar jekk dal-proċess kumulattiv jibda b'kunflitt bejn l-interpretazzjonijiet suċċessivi. F'punt minnhom, Ricoeur jeżemplifika dal-proċess bl-interpretazzjoni tal-kelma (bħala unità iżolata). Kull kelma tinftiehem permezz ta' konverġenza bejn it-tifsiriet passati tagħha, li huma ħafna akbar mill-kuntest il-ġdid li fih qiegħda tintuża, u l-użu l-ġdid tagħha, li jinftiehem biss bħala avvanz ċkejken f'din ir-rikkezza simbolika. Għal Ricoeur, "il-kelma hi entità kumulattiva, b'ħila li takkwista dimensjonijiet ġodda ta' tifsir mingħajr ma titlef il-qodma."[12] Anki

[10] Carl Gustav Jung, *The Archetypes and the Collective Unconscious*, trad. R.F.C. Hull, 2 ed. (London: Routledge, 2002) 47. Minkejja r-referenzi tiegħi għal Jung, m'iniex ninterpreta l-ħarruba fi "Quo Vadis?" bħala kumpless psikoloġiku. F'dan il-punt, qed nuri biss il-potenzjal arketipali li għandha l-ħarruba biex tgħaqqad ideat kuntrastanti (tbatija u viżjoni) f'simbolu wieħed, li jirrappreżenta tip ta' ħajja umana mingħajr ma jirrisolvi għalkollox il-kunflitt fiha.

[11] Jung 38.

[12] Paul Ricoeur, *The Conflict of Interpretations* (Illinois: Northwestern UP, 1974) 93.

LIBRARY

jekk kelma tidher litterali fit-tifsira tagħha, fiha taħbi ħafna saffi ta' tifsir miġbura mill-kuntesti mitiċi, letterarji, u sagri li fihom intużat. Iżda l-unika okkażjoni li tista' tesponi din ir-rikkezza semantika hija l-kuntest il-ġdid li fih qiegħda tintuża l-istess kelma. Kull applikazzjoni ġdida tal-kelma tiffunzjona bħala ritorn produttiv lejn is-saffi arkajċi tat-tifsira tagħha, li l-kuntest il-ġdid jirkupra b'applikazzjoni ġdida. Fl-interpretazzjoni ta' poeżija, l-oġġett estetiku għandu l-istess setgħa kumulattiva (wara kollox, mhux ħlief kelma jew sinjal verbali). Dan l-oġġett jiffunzjona bħala ritorn produttiv lejn is-saffi semantiċi u arkajċi moħbijin fih, u matul dan il-proċess l-oġġett estetiku jsir aktar dak li hu, għax id-dimensjonijiet ġodda ta' tifsir li jakkwista jkunu qed jirriġeneraw it-tradizzjoni lingwistika li tathom is-setgħa jiġu espressi.

Ricoeur jara dan il-proċess interpretattiv bħala karatteristika fundamentali u inevitabbli tal-lingwa, li hi apparat li bih il-bniedem jista' jaħżen l-għerf tiegħu fl-istess waqt li jipprojettah lejn kuntesti ġodda. Il-lingwa tippermetti li kull ritorn lejn is-sedimenti passati tat-tifsira tal-kelma jseħħ bħala projezzjoni lejn implikazzjonijiet supplimentari, jew li kull kelliem iwettaq rigress lejn il-potenzjali rieqda tal-kelma permezz ta' progress semantiku fiha. Meta l-ħarruba fi "Quo Vadis?" tiġġarrab bħala arketip tat-tbatija u tal-maturità umani, il-ħidma interpretattiva tibda (mhux tieqaf) bħala progress semantiku li jiżvela l-potenzjali arkajċi fit-tifsira tagħha. Fi kliem ieħor, l-interpretazzjoni tal-ħarruba fi "Quo Vadis?" mhix is-sejba ta' tifsira, iżda hi aġġustament f'diskors li l-qarrej jagħraf bħala d-dinja diġà interpretata tiegħu.

Minn din l-għaqda bejn is-simboliżmu passat u l-applikazzjoni preżenti tal-kelma, toriġina l-kapaċità paradossali li għandha kull poeżija: li tirkupra motif primordjali minn perspettivi li jattivaw u jestendu l-komponenti tiegħu. F'dan is-sens, kull qari ta' poeżija hu interpretazzjoni ġdida ta' lingwa li diġà interpretatna, billi ffurmat sew minn qabel is-simboli, l-arketipi, l-analoġiji, saħansitra n-narrattivi mitoloġiċi li jiddeterminaw kif nifhmu u nestendu d-dinja li nabitaw. Aħna qatt ma ninterpretaw oġġett ġdid fil-letteratura, iżda ninterpretaw mill-ġdid diskors li diġà fforma d-dinja li nagħrfu, skond sistemi arkajċi ta' tifsir bħalma huma n-narrattivi mitiċi, sagri, u epiċi. Għal ħassieb bħal Ricoeur, ma hemmx dinja li mbagħad tinkludi l-lingwa umana fiha, iżda hemm lingwa umana li permezz tagħha biss hemm ukoll id-dinja li nifhmu.

Matul *The Conflict of Interpretations* u xogħlijiet oħra, Ricoeur spiss jargumenta li l-kitba hija modalità speċjali ta' din il-lingwa li tatna dinja. Il-kitba għandha l-potenzjal li tinqala' mill-kuntest oriġinali li fih inkitbet biex terġa' tesprimi ruħha f'kuntest ġdid – potenzjal li ma jinstabx fil-kelma

mitħaddta (li tinftiehem darba u f'rabta ma' kuntest wieħed). L-invenzjoni tal-kitba ġabet magħha forma ta' espressjoni mobbli, jiġifieri sinjali miktubin li matul iż-żmien jitbiegħdu mis-sitwazzjoni oriġinali li fiha nkitbu, mill-intenzjoni ta' l-awtur li ħoloqhom, u mill-qarrejja li diġà tawhom tifsira fil-passat. Madankollu, dat-tbegħid mill-kuntest oriġinali joħloq distanza produttiva, għax permezz tiegħu l-qarrej jista' jiskopri possibbiltajiet kumbinatorji ġodda bejn is-sinjali tat-test. Id-distanza mill-kuntest oriġinali ġġib magħha l-awtonomija tat-test u l-ħtieġa ta' l-interpretazzjoni. U bejn dawn iż-żewġ fatturi tinħoloq il-fakultà li t-test jerġa' jesprimi ruħu f'mument ġdid, b'ċerta emanċipazzjoni mill-kuntest oriġinali, u b'konnessjonijiet rilevanti li bihom l-interpretu jestendi t-tifsira. Id-dinja Griega (biex nieħdu l-eżempju ta' Ricoeur) mhix il-Greċja tal-qedem; hi d-dinja klassika li żviluppat matul is-sekli, meta d-dokumenti tal-qedem bdew jikxfu aktar possibbiltajiet interpretattivi f'dak kollu li diġà qalu dwar il-Greċja. L-interpretazzjoni, jgħid Ricoeur, ma hi xejn ħlief l-isforz biex nagħmlu d-distanza produttiva.[13]

Dan l-argument jixħet dawl siewi fuq it-tifsira tal-ħarruba fi "Quo Vadis?" Jgħarrafna, qabelxejn, li l-poeżija tinqara f'testwalità akbar, jiġifieri f'dinja li ntirtet permezz ta' l-interpretazzjoni ta' dokumenti li ġew qabilna. Il-ħarruba ma teżistix fil-poeżija biss, iżda wkoll fid-dokumenti tal-qedem li diġà interpretawha. Mingħajr dan l-isfond kulturali, is-siġra fil-poeżija ma tingħarafx u l-qari ma jistax jibda. Iżda minħabba l-istess sfond kulturali, il-ħarruba ma tibqax simbolu newtrali, ħieles mill-preġudizzji tal-passat. Għall-kuntrarju, il-ħarruba tibda tingħaraf bħala entità li diġà kellha sehem parabboliku, leġġendarju, u folkloristiku f'bosta dokumenti li matul is-sekli tawhielna bħala komponent ta' dinja partikulari (tal-bidwi, tal-fqir, ta' min ibati). Anki min qatt ma qara "Quo Vadis?" se jara fix-xbieha tal-ħarruba emblema ta' reżistenza aktar milli simbolu ta' fraġilità. Anki min jiċħad kull valur poetiku fil-ħarruba se jaqbel li din is-siġra tirrappreżenta l-għomor u l-maturità, qabel ma tirrappreżenta l-adoloxxenza u l-insigurtà. Dawn l-għażliet interpretattivi jidhru għalina naturali, iżda fil-fatt huma frott il-limiti semantiċi li ntirtu min-narrattivi u mid-dokumenti tal-qedem li diġà tawna l-profil simboliku u parabboliku tal-ħarruba. Il-ħarruba ta' Briffa għandha għeruqha mqabbdin sew f'dawk l-interessi u l-preokkupazzjonijiet umani li diġà ġew espressi f'kuntesti qodma. Ix-xbieha tagħha tevoka din id-dinja diġà interpretata, bħala sfera ta' residwi semantiċi li jagħtu lok għal aktar interpretazzjoni.

[13] Ricoeur, *Discourse and the Surplus of Meaning*, 44.

Għalhekk, il-qari ta' "Quo Vadis?" jibda jiżvela t-testi moħbijin, il-parabboli rieqda, u l-kuntesti preċedenti fir-repertorju tal-qarrej. Aktar milli żvilupp semantiku kif ġie ġie, l-interpretazzjoni tal-ħarruba fi "Quo Vadis?" tattiva u taffronta l-ħarruba bħala fenomenu kulturali li ġej minn rakkonti li ddeterminaw l-assoċjazzjonijiet u l-inferenzi tagħha. Madankollu, l-istess ħidma interpretattiva hija l-aqwa xhieda li dawn id-dokumenti ma qalux kollox, u li l-qarrej *għadu qed jipparteċipa fil-mekkaniżmu ta' xi enigma miruta* li se tesprimi ruħha mill-ġdid fl-esperjenza poetika.

## Ir-repertorju tal-qarrej: id-dinja ta' min jinterpreta l-poeżija

### *Il-limiti fir-repertorju tal-qarrej*

Ir-repertorju tal-qarrej jista' jkun limitat għal dawk il-konvenzjonijiet letterarji (bħal tal-lirika) li għalihom tappartjeni l-poeżija ta' Briffa. Kull qari letterarju jseħħ fi sfond ta' ġeneri, temi, tropi, u kategoriji oħra letterarji li fihom it-test isib l-approvazzjoni tas-sistema tiegħu. Madankollu, dar-repertorju purament letterarju jinsab imdawwar bi sfond kulturali usa' minnu, li jinkludi fih it-testi reliġjużi, mitiċi, parabboliċi, leġġendarji, u allegoriċi li fihom tlaqqmet is-siġra *figurattiva* tal-ħarrub. Dan ir-repertorju usa' jmur sew lil hinn mill-ftit waqtiet li matulhom il-qarrej ra siġra tal-ħarrub mill-qrib u fiżikament biss. Hu repertorju mingħajr konfini empiriċi, daqskemm hu repertorju mingħajr fruntieri nazzjonali.

Id-dinja mitoloġika tagħti eżempju siewi tal-mod kif dan ir-repertorju mhux ristrett għal kultura nazzjonali waħda, għax l-entitajiet mitoloġiċi jibqgħu kulturalment attivi lil hinn mill-post li fih oriġinaw. Id-dinja tal-ħrejjef ukoll toffri entitajiet allegoriċi mingħajr fruntieri, kif turi l-ħrafa ta' Ċenerentola, li ġejja miċ-Ċina tas-seklu disgħa iżda waslet għandna minn bosta verżjonijiet Ewropej. U d-drammi Shakespearjani li ġew ispirati mill-istorja u mil-letteratura ta' pajjiżi oħra jixhdu l-istess tpartit kulturali fil-letteratura klassika. Aktar ma l-ħarruba ta' Briffa tassumi dimensjoni arketipali, aktar tevoka dan ir-repertorju, li l-limiti tiegħu jikkoinċidu mal-firxa kulturali tal-qarrej. Il-ħarruba fi "Quo Vadis?" tidħol fi djalogu ma' din il-konoxxenza *a priori* tal-qarrej, jiġifieri mat-tagħrif preliminari li bih il-qarrej jista' jirrikonoxxi l-valur figurattiv tagħha sa ċertu punt.

Il-ħafna ilħna li tkellmu fuq il-ħarruba fil-passat, fil-fatt, ilhom li nġabru f'sistemi partikolari ta' rakkuntar, ngħidu aħna r-rakkont leġġendarju. U kull rakkont fuq il-ħarruba, imqar jekk intesa, serva biex ir-rikkezza simbolika tagħha tinbidel f'polisemija rregulata.[14] Minnu nnifsu, ir-rakkont jesiġi konnessjoni u żvilupp bejn ħafna fatti, u allura jservi ta' sistema diskursiva li tinnormalizza l-polisemija. Madankollu, ir-rakkonti tal-passat xorta jiġbru fihom taħlita ta' sorsi, ngħidu aħna s-sors bibliku u dak leġġendarju. Ħa nieħdu eżempju minn leġġenda antika Kristjana li tippreżenta lill-ħarruba bħala s-siġra li San Ġwann il-Battista kien jitrejjaq mill-frott tagħha. F'dan ir-repertorju leġġendarju, il-"ġurati" li fil-Bibbja kienu l-ikel ta' San Ġwann ma humiex għajr korruzzjoni ta' "miżwed tal-ħarruba."[15] Minħabba din il-leġġenda Kristjana bi tradizzjoni twila, il-miżwed tal-ħarruba għadu sa llum jissejjaħ "*locust bean*" bl-Ingliż, waqt li s-siġra nnifisha tissejjaħ "*locust tree*." Minħabba l-istess repertorju leġġendarju, is-siġra tal-ħarrub saret magħrufa wkoll bħala l-ħobż ta' San Ġwann. Iżda meta akkwistat dit-tifsira, il-ħarruba saret, fil-veru sens tal-kelma, in-nutriment tal-profezija. Il-ħila profetika ta' San Ġwann oriġinat mill-ħajja axxetika tiegħu, u l-leġġenda tatu l-ħarruba bħala l-ikel bil-qies ta' din il-ħajja axxetika. Il-ħarruba, fil-leġġenda, saret in-nutriment tal-ħajja viżjonarja, l-ikel ta' l-għajta għall-indiema.

Sorsi leġġendarji u bibliċi bħal dawn jissieħbu tajjeb mal-fatt li storikament il-miżwed tal-ħarruba kien jittiekel waqt perjodi ta' ġuħ. Fil-fatt, fil-Lvant Qrib il-ħarruba kienet u għadha meqjusa s-siġra tal-fqar. Hemm qawl antik Lhudi li jgħid: "Meta Lhudi jkollu jirrikorri għall-ħarrub, jindem" – qawl li jikxef ir-rilevanza tas-siġra għal San Ġwann il-Battista, il-predikatur ta' l-indiema.[16] Minn dawn l-eżempji leġġendarji, bibliċi, u storiċi, il-qarrej jista' jara fil-ħarruba emblema ta' ħajja iebsa mogħnija b'viżjoni profetika. Dan ma jfissirx li l-għaqda bejn is-sofferenza u l-viżjoni profetika ma tibqax enigmatika. Anzi,

---

[14] Ricoeur, *Conflict of Interpretations,* 94. Għal Ricoeur, kull bidla semantika sseħħ bħala modifikazzjoni f'sistema preċedenti ta' tifsir, li tkun diġà organizzat u llimitat it-tifsiriet akkumulati, jew il-polisemija, tal-kelma. L-użu innovattiv tal-kelma jikkonverġi ma' din il-polisemija rregulata, u joħloq avveniment espressiv ġdid. Ara wkoll 68-9.

[15] Jeżisti dibattitu dwar jekk San Ġwann il-Battista, fil-fatt, kienx jitrejjaq mill-miżwed tal-ħarruba minflok mill-ġurati, kif tgħid il-verżjoni Kristjana ortodossa. Ara, għal idea ta' dan id-dibattitu, Marvin Hunt, "The Mystery of John's Diet and Dress," BibleHistory.com, 2004. 28 ta' Diċembru, 2004 <http.//www.biblehistory.com>. L-interess tiegħi hawnhekk mhux id-dibattitu nnifsu, iżda l-assoċjazzjoni tal-ħajja axxetika u profetika ta' San Ġwann mas-siġra tal-ħarrub.

[16] Hunt.

din l-għaqda tfakkar f'dak li jgħid Ricoeur rigward l-enigma: l-interpretazzjoni ma teliminax l-enigma, iżda tikxef il-metodoloġija tagħha meta turi kif ħafna referenzi u perspettivi joperaw flimkien fis-simbolu enigmatiku.[17] L-assoċjazzjoni ta' ħajja iebsa ma' viżjoni profetika mhix ħlief tip ta' ħajja umana li tinġabar fix-xbieha tradizzjonali tal-ħarruba, li mill-qedem bdiet tassimila u torganizza għadd ta' perspettivi f'emblema waħda. Ix-xbieha tal-ħarruba fi "Quo Vadis?" tista' tqanqal fil-qarrej dal-kumpless sħiħ ta' perspettivi u diskorsi li jsawruha bħala enigma.

Il-qarrej li jgawdi dan ir-repertorju leġġendarju tal-ħarruba aktarx li jkollu wkoll għarfien tal-funzjonijiet ekonomiċi li s-siġra qdiet matul iż-żmien. Ħa nieħdu eżempju bil-kelma "karat," li llum għandha l-assoċjazzjonijiet ta' purità u ġenwinità li norbtu mqar mad-deheb u d-djamanti. L-etimoloġija tat-terminu "karat" tmur lura, permezz ta' diversi lingwi (Ingliż, Franċiż, Taljan, u Għarbi), sal-kelma Griega *kerătion*, li tirreferi għaż-żerriegħa tal-miżwed tal-ħarrub. Din l-etimoloġija evolviet mill-fatt botaniku li ż-żerriegħa tal-ħarrub dejjem kienet konsistenti fit-toqol, tant li l-ġojjiera tal-passat kienu jużawha bħala użin stabbli ta' 200 milligramma, l-ekwivalenti ta' karat wieħed.

Sakemm il-ħarruba tibqa' tevoka das-sorsi reliġjużi, leġġendarji, u ekonomiċi, tibqa' wkoll repertorju antik li diġà rabat flimkien perspettivi differenti: il-faqar mal-ħila profetika, jew l-għomor twil (tal-ħarruba) mal-konsistenza fil-valur (fit-toqol taż-żerriegħa tagħha). Id-diskorsi tradizzjonali li kkonverġew fix-xbieha tal-ħarruba huma arranġament arkajku tal-ħsieb uman, narrattivi li l-ħarruba saret l-abbrevjazzjoni tagħhom. Dawn in-narrattivi joffru konnessjoni bejn diversi perspettivi, iżda ma jippermettux li l-ħarruba jkollha kwalunkwe interpretazzjoni. Il-ħarruba ma jistax ikollha, kif għidt qabel, is-sinjifikat ta' ħajja fraġli, jekk mhux f'xi ġeneru letterarju bħall-parodija (jiġifieri f'tip ieħor ta' konnessjoni mal-profil kulturali u simboliku tagħha).

Dan il-profil kulturali tal-ħarruba ma jnaqqas xejn mill-importanza tal-karatteristiċi naturali tas-siġra. Il-ħarruba se tibqa' tidher bħala siġra li tikber mingħajr kultivazzjoni, b'reżistenza għan-nixfa, u f'ambjent ostili li ma jilqax siġar oħra. Tibqa' tidher ukoll bħala siġra li, għad li ma għandhiex kura umana, tirreżisti ħafna mard li jeqred bosta siġar oħra, saħansitra dawk ikkultivati. Fil-fatt, dawn il-karatteristiċi botaniċi tal-ħarruba jkomplu jsaħħu l-għaqda enigmatika bejn it-tbatija u l-benefiċċju, il-ħajja iebsa u s-saħħa awtentika. Il-frott innifsu tal-ħarruba donnu hu stqarrija ta' benefiċċju li joħroġ biss mit-

[17] Ricoeur, *Conflict of Interpretations*, 192-3.

tbatija, għax hu frott li jimmatura bilmod ħafna meta mqabbel ma' frott ta' siġar oħra. Ikkaratterizzata b'għeruq estensivi mqabbdin f'art blatija u bi friegħi folti li jifilħu sew għall-elementi, id-dehra nnifisha tal-ħarruba hi djalettika bejn sforz u trijonf.

Il-ħarruba fi "Quo Vadis?" ma tgħid xejn u ma taħbi xejn – minflok, tiftaħ id-dinja partikulari li fiha ngħaqdu għadd ta' diskorsi: ir-rakkont leġġendarju li bidel il-miżwed tal-ħarruba fin-nutriment ta' profeta; id-diskors ekonomiku li estenda ż-żerriegħa tal-ħarruba (*kerātion*) sas-sens ta' purità (karat); u d-deskrizzjoni botanika li tkompli tesebixxi fil-ħarruba l-għaqda enigmatika bejn it-tbatija u l-benefiċċju. Ir-realtà li writna mal-ħarruba ma tagħmilx distinzjoni ċara bejn il-leġġendarju, l-allegoriku, u l-empiriku. Madankollu, f'entità arkajka bħall-ħarruba wieħed jara epistemoloġija sħiħa, jiġifieri sistema ta' għerf li għaqqdet flimkien, f'artikulazzjoni waħda, il-perspettivi kuntrarji tat-tbatija u l-benefiċċju.

*It-twaħħid bejn ir-repertorju tal-poeżija u r-repertorju tal-qarrej*

Mill-esperjenza poetika, il-qarrej jirritorna lejn id-dinja familjari tiegħu bil-ħila li jagħraf fiha rakkonti, diskorsi, u devjazzjonijiet semantiċi li ntesew għax tqassru għal ġo emblemi bħall-ħarruba. L-inferenzi li joħorġu mill-esperjenza tat-test letterarju huma sinjifikattivi għax jikxfu d-dinja tal-qarrej bħala rakkont preċedenti li għadu ma ntemmx, u li qed jiġi estiż fl-aspetti simboliċi tiegħu. Matul dan ir-ritorn lejn id-dinja tal-qarrej, tintemm id-distinzjoni bejn il-poeżija bħala test letterarju u d-dinja bħala test kulturali ħafna akbar u eqdem minnu. Fil-fatt, l-esperjenza poetika taħdem bħala medjatriċi bejn aspetti tradizzjonali u oħrajn imprevedibbli ta' l-istess dinja.

Iser jargumenta li r-repertorju tal-qarrej (li fil-każ tagħna jipprovdi t-tifsiriet arkajċi u l-esperjenzi reali tal-ħarruba) jingħaqad mar-repertorju tal-poeżija (li fil-każ ta' "Quo Vadis?" jinkludi l-ħarruba ppersonifikata b'leħen interjuri mużikali, il-ħarruba li twaħħad it-tbatija mal-ġenwinità, u l-ħarruba li d-dehra statika tagħha tostor ħsieb dinamiku). Meta ż-żewġ repertorji jikkonverġu, il-familjari jibda jidderieġi lill-qarrej lejn dak li mhux.[18] Fi kliem ieħor, it-test letterarju jinqeda bin-normi tad-dinja reali biex iwettaq

[18] Iser 70.

kambjament f'realtà magħrufa sa ċertu punt, jew, kif ipoġġiha Iser, biex iwettaq "alterazzjoni f'dak li hu familjari." Iser jiżviluppa dan l-argument b'dan il-mod: filwaqt li għal ħafna nies il-letteratura tidher l-oppost tar-realtà, fil-fatt ma hi l-oppost xejn; il-letteratura hi s-suppliment tar-realtà, jiġifieri dak li dejjem jonqos biex ir-realtà mibnija fuq sistemi ta' għarfien preċedenti tinftiehem ftit aktar.[19] Biex taħdem bħala medjatriċi bejn il-binja tradizzjonali u r-rikostruzzjoni ta' l-istess realtà, l-esperjenza poetika trid isseħħ f'dawk il-partijiet tal-binja tradizzjonali ta' l-oġġett estetiku li għadhom indefiniti, u li joffru l-aħjar potenzjal għal avvanz fit-tifsira.

Ricoeur u Iser jippreżentaw metodu interpretattiv li fih l-oġġett estetiku hu dderivat u ttrasformat fl-istess waqt. F'dal-metodu ta' qari, l-oġġett estetiku qatt ma jikseb sintesi finali jew konfigurazzjoni adegwata, iżda jseħħ dejjem bħala kambjament sinjifikattiv fir-repertorju tal-qarrej. L-oriġinalità tal-ħarruba fi "Quo Vadis?" mhix ħlief ħidma trasformattiva f'dan ir-repertorju tal-qarrej, id-dinja magħrufa li l-qarrej ma jibqax iqis bħala newtrali jew mingħajr preġudizzji. Matul dan l-istudju tajt prominenza lil dawk l-aspetti tal-ħarruba li fil-qedem artikulaw l-għaqda problematika bejn it-tbatija u l-ġenwinità. Ngħidu aħna, hemm il-fatt li l-ħarruba tkabbar il-frott tagħha bilmod iżda bih tmantni lill-fqir u lill-profeta; hemm il-fatt li l-ħarruba tgħix għomor twil iżda żżomm konsistenza fil-valur (il-karat); u hemm ukoll il-fatt li l-ħarruba tikber f'ambjent ostili iżda toffri reżistenza għall-mard u għall-elementi. Waqt li dil-figura arkajka tal-ħarruba tagħti lill-qarrej is-setgħa li jimmanipula enigma (l-għaqda problematika bejn it-tbatija u l-ġenwinità), il-poeżija tagħti lill-istess qarrej is-setgħa li jippersonifika din l-enigma, li jagħtiha l-kapaċità li titkellem u tinvestiga l-ħajja umana tas-suq. L-esperjenza poetika tibda fejn jiltaqgħu d-diskorsi preċedenti u t-tifsiriet emerġenti tal-ħarruba, jew fejn l-enigma terġa' tikseb il-ħila li titkellem.

## Konklużjoni b'riferenza ġenerali għall-qari tal-letteratura Maltija

F'dan l-istudju, l-argument ewlieni tiegħi kien li l-eżistenza ta' l-oġġett estetiku mhix ħlief avvanz fit-tifsira arkajka tiegħu, skond kategoriji letterarji bħall-arketip, l-ironija, u l-paradoss. Dawn il-kategoriji letterarji għandhom metodoloġija partikulari kif jiftħu u jestendu d-diskors arkajku miġbur fl-

[19] Iser 73.

oġġett estetiku. Din l-estensjoni interpretattiva hi produttiva, u permezz tagħha l-qarrej jassumi l-parti ta' ko-awtur tax-xogħol letterarju.

L-argument sekondarju tiegħi kien li dal-proċess interpretattiv iseħħ bħala suppliment għar-realtà, għax jikxef dawk l-aspetti enigmatiċi u indeterminati tar-realtà li jeħtieġu aktar interpretazzjoni. Il-qarrej dejjem ikollu jirritorna lejn id-dinja familjari tiegħu wara l-esperjenza letterarja. Iżda dan ir-ritorn jinfiltra r-relattività bejn it-testi figurattivi, leġġendarji, xjentifiċi u l-bqija li sawru r-realtà sa ċertu punt. Ir-ritorn mit-test għal dinja familjari hu, għalhekk, kumulattiv, għax jikxef fejn il-binja tad-dinja hi insuffiċjenti u għandha titkompla. Forsi l-akbar kontribut li tat it-teorija ta' l-interpretazzjoni tas-seklu għoxrin hu l-għarfien li d-dinja li nafu hi test kbir, mibni minn konnessjonijiet li mhux dejjem kienu razzjonali, xjentifiċi, jew konklużivi.

Nemmen li dan is-sens ta' dinja fenomenoloġika ma jeżistix fil-qari tal-letteratura Maltija, l-aktar minħabba li din il-letteratura hija bbażata fuq estetika li għadha tassoċja t-tifsira tat-test mal-poeta, lill-poeta ma' profeta, u lill-profeta ma' verità kompluta. Paradossalment, din l-estetika ma tilfet xejn mis-saħħa tagħha mal-wasla tal-moviment modern fil-poeżija Maltija. Anzi, uħud mill-poeti tas-snin sittin bnew il-poetika tagħhom fuq it-twemmin romantiku li l-poeżija hi espressjoni immedjata (mingħajr medjazzjoni mill-qarrej u minn testi oħra) ta' verità traxxendentali. Dan il-preċett romantiku baqa' fundamentali matul il-perjodu ta' wara s-snin sittin, u ġie wkoll akkumpanjat mill-idea neo-klassika tal-mimesi. Sikwit intqal li *ruħ il-poeta għandha aċċess dirett għal verità universali, iżda timita din il-verità b'libsa poetika li tirrifletti ż-żmien.*[20] Permezz ta' din il-mimesi doppja (ir-riflessjoni ta' verità universali bir-riflessjoni tad-dinja kontemporanja) il-poeta seta' jistqarr li kien estetikament traxxendentali u storikament aġġornat, etern fil-viżjoni tiegħu u kontemporanju fil-forma letterarja li għażel.

Il-kunċett romantiku li l-poeżija hi l-libsa temporanja ta' verità eterna[21]

[20] Oliver Friggieri, *L-Idea tal-Letteratura – Daħla għall-Istudju ta' l-Arti tal-Kelma* (Malta: Bugelli, 1986) 2-4. Friggieri jargumenta li l-awtur ilibbes il-verità universali li jilmaħ b'forma estetika li tappartjeni għal perjodu storiku, jew bid-dehra esterna ta' l-oġġetti ta' żmienu. L-allegorija, ngħidu aħna, hi "gidba sabiħa" għax timita xi oġġett mid-dinja kontemporanja biex tesprimi verità universali mġarrba minn ruħ il-poeta. Ara wkoll 21.

[21] L-esponent romantiku ta' dan il-kunċett hu Shelley, li għalih il-poeta hu profeta li jesprimi verità eterna fil-"libsa aċċidentali" tal-mument storiku, il-"libsa temporanja li biha huma mlibbsa l-kreazzjonijiet tiegħu." Ara Percy Bysshe Shelley, "A Defence of Poetry," *The Great Critics – An Anthology of Literary Criticism*, ed. James Harry Smith u Edd Winfield Parks, 3 ed. (New York: W. W. Norton and Company, 1967) 562.

ħoloq, għall-estetika Maltija, tip ta' verità li hi milħuqa biss mill-poeta bħala ambaxxatur esklużiv ta' l-umanità, verità li tibqa' *ineffabbli* għal ħaddieħor, minkejja li titlibbes il-forma poetika li tixraq liż-żmien. L-estetika "moderna" Maltija (bl-eċċezzjoni ta' kittieba relattivisti bħal Daniel Massa u kritiċi aġġornati bħal Peter Serracino Inglott) injorat il-filosofija kontemporanja Ewropea, li kienet qed targumenta li l-verità ma tinstabx lil hinn mit-testi li bnewha fil-passat. Injorat ukoll il-fatt li l-verità hi fenomenu intertestwali u intersuġġettiv, li jiġġedded bir-rispons produttiv ta' diversi qarrejja. Fuq kollox, ċaħdet dawk l-aspetti tal-proċess tal-qari li jagħmlu lill-qarrej awtur, eżattament bħalma ħbiet il-fatt li kull awtur kien – imqar qabel ma beda jgawdi l-viżjoni traxxendentali tiegħu – interpretu ta' dinja diġà artikulata mit-testi kollha li ġew qablu.

L-istorja qasira tal-letteratura Maltija setgħet kienet il-kaġun tat-treġġigħ lura ta' l-arloġġ estetiku lejn il-perjodu romantiku u dak neo-klassiku. F'letteratura bi storja qasira, il-kittieb iħoss il-ħtieġa li jiġġustifika l-innovazzjonijiet tiegħu skond il-prinċipji ortodossi ta' xi moviment estetiku prestiġjuż. Madankollu, fl-isforz tagħha biex tistabbilixxi fondazzjoni neo-klassika u romantika, l-estetika Maltija ta' wara l-Indipendenza injorat metodi interpretattivi moderni u postmoderni li kienu aktar konformi mal-prattika poetika ta' l-istess żmien. L-enfasi romantika fuq is-sensibilità tal-poeta individwali bħala l-aċċess uniku għall-verità ġabet magħha destin kiefer għall-qarrej bħala ko-awtur tal-poeżija.

L-idea li t-tifsira tal-poeżija tinstab u l-idea li dit-tifsira hi tal-poeta qegħdin, fil-fatt, joħolqu problemi serji għal-letteratura Maltija. F'kultura li tfittex it-tifsira letterarja minflok tibniha, l-arketipi tradizzjonali ma jiżviluppawx, l-istudenti jibqgħu jfittxu kif se jirriduċu l-poeżija għal messaġġ sempliċi, u l-poeżija nnifisha sservi biss ta' għodda għal għanijiet oħra: l-analiżi psikoloġika ta' l-awtur, jew it-tweġiba fl-eżami. Hi daqstant żbaljata l-idea li t-test romantiku Malti tilef l-effett estetiku tiegħu f'dinja moderna u postmoderna. Li ntilef – jew qatt ma nbena – hu l-għarfien li kull tradizzjoni letterarja tibqa' fis-seħħ sakemm il-qari jibqa' jagħmilha sinjifikattiva.

Sa llum, l-estetika Maltija tat lill-qarrej ftit hafna x'jagħmel. Ir-rabta bejn is-sensibilità tal-poeta u l-verità eterna ma offrietx lill-qarrej l-isfida li jieħu l-inizjattiva tal-poeta f'idejh, billi jattwalizza l-avveniment estetiku bir-repertorju u bis-sensibilità tiegħu nnifsu. Nemmen li sakemm ma tinħoloqx din l-isfida ma nistgħux niġġeneraw interess akbar fil-letteratura bil-Malti.

Nemmen ukoll li din l-isfida għandha tkun parti intrinsika mit-tagħlim tal-letteratura Maltija. Wara kollox, l-istudent tal-letteratura ħa kors f'*esperjenza estetika* mhux f'analiżi psikoloġika ta' ruħ il-poeta, f'fatti empiriċi, jew f'veritajiet universali. Il-qarrej jikseb esperjenza estetika meta tonqos id-distinzjoni bejn dak li joffri t-test u dak li kapaċi jipproduċi hu nnifsu bħala interpretu – fi kliem aktar speċifiku, meta l-enigma tal-ħarruba fi "Quo Vadis?" tintegra ruħha mal-ħarruba li jaf il-qarrej permezz tar-repertorju tiegħu. L-avveniment poetiku jseħħ meta l-avvanz fit-tifsira tal-ħarruba u n-nostalġija għax-xbieha tradizzjonali tal-ħarrub jingħaqdu flimkien f'diskors li għadu mhux mitmum. Minn dan nikkonkludi li l-ħarruba fi "Quo Vadis?" ma tgħid xejn u ma taħbi xejn – minflok, tiftaħ spazju arkajku ta' tifsir għal aktar interpretazzjoni.